**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Maria Dolores Camilleri (ID Nru: 42955M)**

vs.

**L-Awtorita` tal-Ippjanar**

**U**

**David Camilleri (ID Nru: 00472649(M)**

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL RECEIVED 17 APR 2019 FLORIANA

**Rikors tal-appell ta' Maria Dolores Camilleri [ID no: 42955(M)] ta' 16, "Lefkotita", Triq il-Hatab, Attard, Malta**

Tesponi bir-rispett:

| | |
|---|---|
| **PA:** | **10103/18** |
| **Sit:** | **16, "Lefkotita", Triq il-Hatab, Attard, Malta** |
| **Proposal:** | **To sanction internal/external alterations to terraced house from that approved in PB 2526/84** |

1. Illi dan huwa Appell minn decizjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar tal-21 ta' Marzu 2019, ippublikata fit-3 ta' April, 2019 rigward applikazzjoni numru 10103/18 hawn fuq citata.
2. Illi l-appellanta tixtieq li tissottemetti Appell wara decizjoni mill-Awtorita` tal-Ippjanar li tawtorizza l-permess ghall-izvilupp tas-sit skont l-applikazzjoni numru 10103/18.
3. Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

i. Illi l-applikant kien issottometta applikazzjoni ghall-izvilupp – PA 10103/18 f'sit fejn l-appellanta hi ko-proprjetarja;

ii. Illi l-appellanta kienet baghtet ittra lill-istess Awtorita' datata 3 ta' Dicembru 2018, fejn kienet talbet li b'applikazzjoni tal-principji fis-sentenza 'Aurelio Schembri v MEPA', l-applikazzjoni mressqa minn David Camilleri lanqas biss setghat tigi kunsidrata fid-dawl tal-fatt li l-applikant ma kienx is-sid uniku tal-fond mertu ta' l-applikazzjoni u la kien informa lill-appellanti u wisq inqas talab il-kunsens taghha biex iressaq l-applikazzjoni de quo.

iii. Illi minkejja l-oggezzjonijiet tal-appellanta, l-Awtorita' appellata kienet tat il-permess lill-applikant;

iv. Illi l-appellanta ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-istess decizjoni u qieghda tinterponi umli appell.

4. L-aggravju tal-appellanta huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe` li l-Awtorita` qatt ma setghet tipprocessa l-applikazzjoni in kwistjoni galadarba l-izvilupp qed isir fuq propjeta li l-applikant mhuwiex l-uniku proprjetarju taghha u li la talab il-kunsens u lanqas ottjena il-permess tal-ko-proprjetarja tal-fond sabiex iressaq tali applikazzjoni u dan in linea mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Aurelio Schembri v MEPA;

i. Minn analizi tad-dokumenti sottomessi mill-applikant David Camilleri jirrizulta li l-fond li fuqha qieghed jippretendi li jaghmel l-izvilupp propost, ma hijiex kollha tal-applikant;

ii. Dan il-fatt kien diga senjalat mill-appellanta fl-oggezzjoni taghha ghal dan l-izvilupp. L-appellanta hija ko-proprjetarja tas-sit in mertu tal-applikazzjoni u dan jirrizulta mill-att ta' donazzjoni tal-proprjeta` ezistenti da parti ta' David Camilleri u Maria Dolores Camilleri (Kuntratt in atti Nutar Marthese Felice tat-30 ta' Marzu 1998), liema kuntratt gie diga sottomess mill-appellanta fl-oggezzjoni taghha mal-Awtorita` koncernata datata 3 ta' Dicembru 2018;

iii. Illi minkejja illi David Camilleri u Maria Dolores Camilleri huma konjugi, dawn huma 'de facto' separati;

**Gh**aldaqstant, l-appellanta, filwaqt illi taghmel referenza ghall-provi gia' prodotti u tirriserva li ggib provi ohra skont il-Ligi u li taghmel sottomisjonijiet ulterjuri kemm verbalment u kemm bil-miktub, titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jilqa' dan l-appell u jirrevoka, jhassar u jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 21 ta' Marzu 2019 u tordna li l-applikazzjoni PA: 10103/18 ma tigix milqugha, kif originarjament mitlub, wara li jiehu wkoll in konsiderazzjoni l-argumenti kollha mressqa mill-appellanti u jiddeciedi l-kwistjoni skont il-Ligi.

**Avv. Franco Galea**

**Appellanti:** 16, "Lefkotita", Triq il-Hatab, Attard, Malta

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Maria Dolores Camilleri (ID Nru: 42955M)**

**vs.**

**L-Awtorita` tal-Ippjanar**

**U**

**David Camilleri (ID Nru: 00472649M)**

REVIEW
17 APR 2019
FLORIANA

**Lista tax-Xhieda tal-appellanta**

1. L-appellanta sabiex tixhed dwar il-fatti tal-kaz;
2. L-intimat sabiex jixhed dwar il-fatti tal-kaz;
3. Rapprezentant tal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jixhed dwar il- permess indikat f'dan ir-rikors tal-appell, dwar korrispondenza mibghuta lill-Awtorita` u d-dokumenti pprezentati lilu
4. Rapprezentant tal-Awtorita` tal-Artijiet ( Lands Authority);
5. Nutara Pubblici Maltin.

B'riserva ta' kull xhud iehor ammissibli skont il-ligi.

**Avv. Franco Galea**

**Appellanti:** 16, "Lefkotita", Triq il-Hatab, Attard, Malta